REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 34/2008

tas-17 ta' Jannar 2008

li jistipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, u għall-albumina tal-bajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur [2], u partikolarment l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-*ovalbumin* u l-*lactalbumin* [3], u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 [4] stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari ta' l-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skond l-oriġini. Jeħtieġ, għalhekk, li prezzijiet rappreżentattivi jiġu ppublikati.

(3) Meta wieħed iqis s-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li tiġi applikata din l-emenda malajr kemm jista' jkun.

(4) Il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd ma ħariġx opinjoni fiż-żmien stipulat mill-president tiegħu

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1). Ir-Regolament (KEE) Nru 2771/75 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

[2] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

[3] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 (ĠU L 305, 19.12.1995, p. 49)

[4] ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1468/2007 (ĠU L 329, 14.12.2007, p. 3).

ANNESS

għar-Regolament tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, u għall-albumina tal-bajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95

"ANNESS I

Kodici NM	Deskrizzjoni tal-prodott	Prezz rappreżentattiv (EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (EUR/100 kg)	Oriġini [1]
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ 70 %, iffriżati	103,9	0	01
		112,4	0	02
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ 65 %, iffriżati	110,0	2	01
		102,3	5	02
		131,6	0	03
0207 14 10	Qatgħat mingħajr għadam ta' tjur ta' l-ispeċi *Gallus domesticus* (sriedak u tiġieġ), iffriżati	228,3	22	01
		260,3	12	02
		326,6	0	03
0207 14 50	Isdra tat-tiġieġ, friżati	322,0	0	01
		283,9	0	02
0207 14 60	Koxxox tat-tiġieġ, iffriżati	110,8	10	01
0207 14 70	Partijiet oħra tat-tiġieġ, iffriżati	211,9	22	01
0207 25 10	Karkassi tad-dundjani 80 %, iffriżati	151,3	3	01
0207 27 10	Qatgħat tad-dundjani, mingħajr għadam, iffriżati	343,5	0	01
		363,9	0	03
0408 11 80	Isfra mnixxfa tal-bajd	318,9	0	02
0408 91 80	Bajd imnixxef bla qoxra	374,2	0	02
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin ta' tjur ta' l-ispeċi *Gallus domesticus* (sriedak u tiġieġ)	218,2	21	01
		376,2	0	04
3502 11 90	Albumini mnixxfa tal-bajd	475,4	0	02

[1] Oriġini ta' l-importazzjonijiet:
01 Il-Brażil
02 L-Arġentina
03 Iċ-Ċilì
04 It-Tajlandja."